MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## GRAZIO MERCIECA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 62/2005

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Tghid ghaliex intom konvenuti m'ghandkomx tkunu kkundannati thallsu s-somma ta' tlett mija u tlieta u disghin lira Maltin u sebgha u tletin centezmu (Lm393.37) blanc ta' fuel lilek mibjugh u kunsinnjat mill-attur bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-iitra interpellatirja ta' l-erbatax (14) ta' Marza, elfejn u hamsa (2003) u kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali spedita lilkom f'April. Elfejn u hamsa (2005).

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li minn issa intom konvenuti diga intom ingunti."

Ra l-kapitoliipprezentati mill-attur fis-seduta tal-5 t'Ottubru 2005;

Ikkunsidra:

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta msemija li fiha gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas ghal dik tallum, minghajr ma gieb ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta' dehra tieghu fis-seduta tallum;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' LM393.37 ammont dovut ghal fuel lilu mibjugh u kkunssinnat bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-20 ta’ Marzu 2003 u tal-ittra ufficjali t’April 2005.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------